MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 857/2007

**Salv Muscat Marbles Ltd. (C 16769)**

**vs**

**Godwin Sacco ID 503451(M) ezercitanti l-kummerc taht l-isem Marble and Granite Works, Rennie Portelli ID 551663(M) ezercitanti l-kummerc taht l-isem R.G.P. Marble Works u Peter Paul Darmanin ID 626945(M) ezercitanti l-kummerc taht l-isem Stone Trading**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta' Salv Muscat Marbles Ltd tal-10 t'Awwissu 2007 li jaqra hekk :

1. *Illi is-socjeta rikorrenti kienet fis-sena elfejn u sitta (2006) holqot u inventat disinn innovattiv,gdid u originali ghal-lapida memorattiva;*

2. *Illi s-socjeta rikorrenti kienet fil-hmistax (15) ta' Frar elfejn u sebgha (2007) registrat privattiva fuq disinn ta' "Heart Shape Memorial" liema disinn huwa registrat mad-Direttorat tal-Propjeta' lndustriali bin-numru ta' referenza elf tlett mija u hamsa u sebghin (1375) kif jidher mid-dokumenti B, C, D u F annessi mal-mandat ta' Inibizzjoni 890/07;*

3. *Illi recentement, u wara d-data tar-registrazzjoni, l-intimati, minghajr il-kunsens u awtorizzazjoni tas-socjeta r-rikorrenti, bdew, jimportaw, jesponu ghall-bejgh, u jispaccjaw fis-suq Malti ghal ghanjiet kummercjali, lapida ta' materjal fil-forma ta' qalb u li ghandha disinn partikolari fil-qiegh tal-qalb. Din tinkorpora parti mwahhla angolata lill-bazi orizzontali b'bazi wahda fin-nofs, kwazi identici ghal dawk tas-socjeta' rikorrenti bhal ma jidher mir-ritratti esebiti mal-Mandat ta' Inibizzjoni 890/07 Dok K 1 - K 6;*

4. *Illi b'dana il-mod, l-intimati qed japprofittaw rwiehhom mill-invenzjoni , tas-socjeta rikorrenti, ossija d-disinn gdid originali u innovattiv illi holqu in kontravenzjoni tad-dritt spettanti lir-rikorrenti a tenur ta' artikoli 27 ef seq tal-kap 417 tal-Ligijiet ta' Malta;*

5. *Illi permezz ta' digriet datat tnax (12) ta' Lulju 2007, din l-Onorabbili Qorti kienet laqghet it-talba tas-socjeta rikorrenti illi l-intimati jigu nibiti milli jaghmlu, joffru ghall-bejgh, jqieghdu fuq is-suq, juzaw, jimportaw, jimmanifatturaw, jahznu, jew b'xi mod iehor jispaccjaw fuq is-suq lokali jew jhajru lil tezi jaghmlu dan, ossija lapida ta' kull materjal fil-forma ta' qalb u li ghandha disinn partikolari fil-qiegh tal-qalb li tinkorpora parti mwahhla angolata lill-bazi orizzontali b'bazi wahda fin-nofs kif muri ahjar fir-ritratt esebit mal-mandat ta' inibizzjoni 890/07 u mmarkat Dok A;*

***Ghaldaqsant**, ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti umilment jitlobu 'l din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni jew ordni li joghgobha timponi fl-ahjar interess ta'l-amministrazzjoni tal-gustizzja, joghgobha:*

1. ***TIDDIKJARA** illi l-intimati esplojtaw l-invenzjoni tas-socjeta rikorrenti kif protetta bil-privattiva msemmija;*

2. ***TORDNA** illi a tenur ta' artikolu 27 (1), (b) u (c) tal-Kap 417 tal-Ligijiet ta' Malta l-intimati jigu mizmuma milli jaghmlu, joffru ghall-bejgh, jqieghdu fuq is-suq, juzaw, jimportaw, jimmanifatturaw, jahznu, jew b'xi mod iehor jispaccjaw fuq is-suq lokali jew jhajru lil tezi jaghmlu dan, ossija lapida ta' kull materjal fil-forma ta' qalb u li ghandha disin partikolari fil-qiegh tal-qalb li tinkorpora parti mwahhla angolata lill-*

*bazi orizzontali b'bazi wahda fin-nofs kif muri ahjar fir-ritratt esebit mal-mandat ta' inibizzjoni 890/07 u mmarkat DokA;*

3. ***TIDDIKJARA** illi tali esplojtazzjoni kkawzat danni lir-rikorrenti u dana a tenur ta' artikolu 47 tal-Kap 417 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. ***TILLIKWIDA** jekk ikun il-bzonn permezzta' periti nominandi d-danni hekk sofferti mis-socjeta ikorrenti;*

5. ***TIKKUNDANNA** lill-intimati ihallsu d-danni hekk likwidati lis-socjeta rikorrenti.*

*Bl-ispejjez, tal-presenti, u tal-presenti u tal-mandat ta' inibizzjoni 890/07 kontra l-intimati ngunti minn issa ghas-subbizzjoni.*

Rat illi r-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi lill-kontro parti;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti kif diversament preseduta tas-16 ta’Dicembru 2008 (a fol. 29) fejn giet nominata bhala Assitent Gudizzjarju Dr. Yvette Cassar;

Rat ir-risposta guramentata ta’ Godwin Spiteri Sacco ezercenti l-kummerc taht l-isem Marble and Granite Works tal-31 ta’Jannar 2012 (a fol.67) li taqra hekk:

1. *Illi d-ditta R.G.P. Marbles Works ma ghandha l-ebda konnessjoni mal-vertenza odjerna u li l-awditur, illum irtirat, Peter Paul Darmanin, ma ghandu l-ebda konnessjoni la mad-ditta Stone Trading u lanqas mal-vertenza odjerna, u li ghaldaqstant il-proceduri mhumiex integri;*

2. *Illi fil-mertu, il-lapidi mpurtati mid-ditta Stone Trading u mibjugha fost l-ohrajn lill-esponent Godwin Spiteri Sacco ma kenux jiksru d-drittijiet tas-socjeti rikorrenti in kwantu ma hemmx il-grad ta' similarita’ fid-disinji rikjesta mil-ligi; dan in kwantu hemm differenzi bejn iz-zewg disinji u kjarament is-socjeta rikorrenti ma ghandha l-ebda monopolju la fuq il-forma tal-qalb u lanqas fuq il-forma 'V';*

3. *Illi fil-mertu ukoll, id-disinji in kwistjoni huma komuni hafna fost diversi manufatturi Cinizi, u anke l-istess ditta Stone Trading kien ilha timporta lapidi forma ta' qalb minn qabel ir-registrazzjoni tad-disinn allegatament approprjat mis-socjeta attrici; ghalhekk l-esponent jichad il-kontenut tal-paragrafi (1) sa (4) tar-rikors guramentat;*

4. *Illi t-talba ghad-danni fil-konfront ta' l-eccipjent hija preskritta bid-dekors tas-sentejn ai termini ta' l-art.2153, billi l-eccipjent bhala klijent ta' Stone Trading ma setghax ikun jafjekk ix-xiri da parti tieghu kienx jinvolvi ksur tad-drittijiet tas-socjeti attrici, u ghalhekk ma setax ikun agir kriminali;*

5. *Illi f'kull kaz minghajr pregudizzju ghas-*sueccepit, *is-socjeta' attrici trid tipprova d-danni minnha allegati."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-21 ta'Frar 2012 fejn regget innominat lil Dr. Yvette Cassar bhala Assistent Gudizzjarju (a fol. 69);

Rat l-ezenzjoni moghtija mill-intimati lis-socjeta' attrici sabiex ma tergghax tressaq ix-xhieda viva voce li kienu gia nstemghu b'riserva ghad-dritt tal-kontro-ezami;

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet ta' Salv Muscat Marbles Limited tas-17 ta'Lulju 2013 (a fol. 91 et seq);

Rat id-digriet tal-S.T.O Prim Imhallef Dr. Silvio Camilleri tal-20 ta' Marzu 2014 illi bih il-kawza giet trasferita quddiem il-Qorti kif preseduta;

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet finali ta' Godwin Spiteri Sacco, Nazzareno sive Rennie Portelli u ta' Peter Darmanin tas-7 t'Ottubru 2014 (a fol. 123 et seq);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Victor Muscat, Direttur tas-socjeta' attrici a fol. 37 et seq, xhed illi l-kumpanija tieghu timporta l-irham u taghmel xoghlijiet tal-irham granit. Fis-sena 2004, holqu disinn "Heart shape memorial" – cioe lapida forma ta' qalb b' disinn partikolari fil-qiegh jew bazi taghha. Dan d-disinn gie registrat fil-15 ta' Frar 2007 mad-Direttorat tal-Proprieta' Industrijali – Vide Dok B a fol. 20; Dok. C a fol. 21; Dok. D a fol. 22; Dok E u F a fol. 24 tal-atti annessi u cioe' 890/07, u Dok. HA1 a fol. 47 sa 52 ta' dawn l-atti.

In segwitu, ir-rikorrenti nnutaw lapidi b'disinn identiku fis-showroom ta' RGP Marble & Granite Works - vide Dok K1 sa Dok K6 a fol. 25 sa 29 ta' 890/2007. L-importazzjoni, il-manifattura u l-bejgh ta' dawn il-lapidi sar minghajr il-kunsens tas-socjeta' rikorrenti.

Ghalhekk kisbu parir legali u pprocedew b'Mandat t'Inibizzjoni 890/2007 JRM. Minkejja illi din il-Qorti laqghet il-mandat ta' inibizzjoni tas-socjeta' attrici, Marble & Granite Works xorta wahda, kellhom lapidi in kwistjoni ghal bejgh fis-showroom taghhom, u kien qed japprovaw jigbru ordnijiet minn fuq ritratti ta'xoghol li wettqet s-socjeta rikorrenti.

Ir-ritratti tal-lapidi in kwistjoni jinsabu ezebit bhala Dok ST1 sa ST7 a fol. 5 sa 11 tal-atti annessi 890/07 u ritratti ezebiti bhala Dok. JM1 a fol. 53 ta' dawn l-atti.

Hamada Awad a fol. 46 A et seq, Scientific Officer fi hdan il-Commerce Division fl-Industrial Property Registrar Directorate ezebixxa Dok. HA1 Certifikat ta' Registrazzjoni ta' *design and patent* f'isem is-socjeta' rikorrenti datat 15 ta' Frar 2007 – code MG10.

Michael Cutajar a fol. 46B et seq xhed illi hu kien impjegat mas-socjeta' rikorrenti ghal dawn l-ahhar ghaxar snin. Ikkonferma li kien ra lapidi bhal dawk li dwarhom s-socjeta' rikorrenti kellha patent ghand hanut faccata ta' Maxims f'Rahal Gdid, u rrapporta lid-Diretturi tieghu.

Joseph Muscat ezebixxa sett ta' hames ritratti li juru lapidi ezatt bhal dawk tas-socjeta' rikorrenti fic-cimiterju. Dawn gew ezebiti bhala Dok. JM1 a fol. 53.

Victor Muscat fl-affidavit tieghu a fol. 55 ghamel referenza ghar-risposta tad-ditti intimati fl-atti annessi 890/2007 JRM, fejn ddikjaraw li kellhom kurrenti fuq is-suq xi 20 lapidi b' valur ta' €7,453, u li uhud minn dawn il-lapidi kienu ghadhom fil-pussess tad-ditta Stone Trading.

Anthony Muscat fl-affidavit tieghu Dok. AM a fol. 57, ziju tad-Diretturi tas-socjeta' rikorrenti Victor u Joseph Muscat, xhed li kien jaf bid-disinn tal-lapidi f'forma ta' qalb tas-socjeta' attrici li giet registrata fis-sena 2007. Huwa xhed ukoll li lavrant ta' RGP Marbles kien avvicinah u wrieh ritratti tal-istess lapidi fis-showroom ta' RGP.

In kontro-ezami Victor Muscat a fol. 77A ikkonferma li s-socjeta' rikorrenti hejjiet id-disinn u *prototype* fil-2004 – 2005. Victor Muscat xhed li ghalkemm hemm lapidi ohra fis-suq forma ta' qalb, dawn ma kienux identici ma taghhom, mentri l-lapidi tal-intimati kienu l-istess u sahhansitra anki l-bazi tal-lapida kienet identika. Victor Muscat xhed li kien ghalhekk li mid-daqqa t'ghajn, dawn il-lapidi kienu jidhru identici ma dawk tas-socjeta' rikorrenti.

Godwin Spiteri Sacco a fol. 79 ikkonferma li ghandu fabbrika u showroom ghax-xoghol ta' rham inkluz monumenti u lapidi. Dawn it-tipi ta' lapidi jinhadmu qishom frame u li minn dejjem kienu jahdmu dan it-tip ta' xoghol.

Huwa xhed li fil-2006, Sergio Darmanin kien gab konsenja ta' memorials mic-Cina u Spiteri Sacco ghazel lapida wahda forma ta' qalb ghal prezz ta' Lm45. Wara xi xhur klijent tieghu ordna lapida simili bil-kliem tar-ramm u b'ritratt tac-ceramika u huwa hadem dan id-disinn ghall-prezz ta' Lm 160 Il-klijent qatt ma gabarha u baqghet fis-showroom. Xi sena wara dan, dahhlet ordni ohra.

Fil-2007 kien gie zaghzugh ix-showroom, u ha xi ritratti ta din il-lapida u wara xi zmien l-ahwa Muscat talbuh jnehhi il-lapida ghaliex kienet disinn tas-socjeta' rikorrenti. Wara l-proceduri ta'Mandat t'Inibizzjoni, Spiteri Sacco xhed li qatt ma ha ordni ohra ghal din it-tip ta' lapida. Sergio Darmanin hallsu lura l-ispejjez kollha, cioe' il-prezz tal-lapida, il-prezz tal-ittri tal-irham u ritratt tac-ceramika, u ghalhekk nehha il-lapida minn fejn kienet fis-showroom u ta ordni biex tigi zarmatha.

Ghadda z-zmien u gie informat li Sergio Darmanin ma lahaqx ftehim mas-socjeta' intimata. Huwa ikkonferma illi ma ghamel ebda qliegh, pero gie mhallas minn Sergio Darmanin ghal dik il-lapida unika.

Peter Paul Darmanin Accountant, a fol. 81 xhed illi qatt ma ghamel xoghol iehor ghajr dak ta' chartered accountant. Huwa ikkonferma li Sergio Darmanin kien ibnu u li dan kien involut bhala partner fid-ditta Stone Trading li waqfet topera f'2007. Peter Paul Darmanin xhed li hu qatt ma importa xejn.

Nazzareno sive Rennie Portelli a fol. 80 xhed illi hu u Sergio Darmanin kienu thajjru jimportaw xoghol ta' rham u granit mic-Cina u waqqfu d-ditta Stone Trading.

Illi ghalhekk ghazlu xi xoghol ta' rham relatat ma lapidi u monumenti, fosthom wiehed u ghoxrin –il lapida forma ta' qalb. Wara dan, qatt ma regghu gabu dan it-tip ta' merkanzija.

Ikkonferma li l-ordni saret f'Jannar 2006 u l-merkanzija waslet Malta fis-16 ta' Marzu 2006. L-ahhar li biegh kien bhala RGP Marbles & Granite Works, fejn biegh b'kollox ebghatax il-lapida inkluz il-lapida unika lil Godwin Spiteri Sacco qabel ma hareg il-Mandat.

Persuni mhux maghrufa kienu hadu ritratti ta' dawn il-lapidi u f'Mejju 2007, saru jafu bil-lanjanzi tas-socjeta' rikorrenti. Portelli xhed li ma qabilx mat-tezi tas-socjeta' rikorrenti li l-lapidi kienu identici u dana 'l ghaliex d-disinn kien wiehed komuni u ma kien hemm xejn li jipprojbixxi *parallel importation*. Portelli xhed li dan japplika aktar u aktar meta jirrizulta li huma importaw il-lapidi koncernati qabel ma saret ir-registrazzjoni. Illi minkejja li seta' jikkontesta r-registrazzjoni, Portelli xhed li ma kienx hemm qliegh fuq tali prodott li jiggustifika l-ispejjez legali u ghalhekk ghazlu li ma jbieghux aktar dan il-prodott. Gara pero li s-socjeta' rikorrenti rat wahda minn dawn il-lapidi fis-showroom ta' Godwin Spiteri Sacco u sfaxxat t-transazzjoni bejn il-kontendenti. Ikkonferma li xtrara lura dan il-kampjun ta' lapida li kien biegh lil Spiteri Sacco. Rennie Portelli ikkonferma ukoll li l-accountant Peter Paul Darmanin ma kellu x'jaqsam xejn mal-Mandat t'Inibizzjoni.

Sergio Darmanin a fol. 84 et seq. ikkonferma l-affidavit ta' Nazzareno sive Rennie Portelli.

In kontro-ezami Nazzareno Portelli a fol. 88A ikkonferma li kellhom wiehed u ghoxrin il-lapida fil-pussess taghhom u li minnhom inbieghu erbghatax il-wahda. Huwa xhed li l-prezz li kien ccita, kien is-selling price tal-lapida.

Sergio Darmanin a fol. 88B in kontro- ezami xhed illi sar jaf bir-registrazzjoni tad-dizinn meta rcieva ittra registrata fil-2007. Darmanin kkonferma li ma kkontestawx r-registrazzjoni ghaliex d-disinn hareg mic-Cina. Kkonferma li m'ghadux jimporta dawn it-tipi ta' lapidi u li kien hallas lil Spiteri Sacco il-prezz tal-lapida u tal-ittri tar-ramm u ritratt tac-ceramika.

In kontro-ezami Godwin Spiteri Sacco a fol. 89A, xhed illi l-lapidi f'forma ta'qalb kienu jinhadmu minnu ferm qabel is-sena 2006 u sahhansitra missieru kien jaghmel dan it-tip ta' xoghol. Ikkonferma li nxtrat lapida wahda ta' dan it-tip minn ghand Darmanin u li sussegwentement kien hadem wahda fuq ordni, pero il-klijent ma kienx gabarha.

Ikkonferma li hadem lapidi ohra fil-forma ta' qlub izda ma kellhomx x'jaqsmu ma din il-kwistjoni.

Mitlub jindika d-diferenza bejn d-disinn tieghu ma dak tas-socjeta' rikorrenti, Godwin Spiteri Sacco xhed li fil-prodott tieghu l-hxuna kien ta' tlett kwarti (minflok pulzier u kwart) u kellha tlett raggi minflok it-tnejn li jidhru fuq id-disinn tas-socjeta' rikorrenti. Ikkonferma li ra hafna minnhom fic-cimiterji.

**Ikkonsidrat:**

Mill-fatti migjuba a konjizzjoni tal-Qorti jirrizulta:

1. Illi d-disinn tas-socjeta' rikorrenti gie registrat fil-15 ta' Frar 2007 (a fol. 47 sa 53);
2. Il-merkanzija tal-intimati waslet f'Malta fis-16 ta' Marzu 2006;
3. Il-lapidi mportati mill-intimati kienu esposti ghal bejgh wara d-data ta' registrazzjoni, cioe' wara 15 ta' Frar 2007.

**Ikkonsidrat:**

Ghar-regward dak sollevat mis-socjeta' rikorrenti dwar l-kontumacja tal-intimati, il-Qorti taghraf illi l-kwistjoni bejn il-kontendenti kienet kwasi transatta tant illi l-kawza giet differita sine die fil-14 ta' Mejju 2008 u baqghet tigi differita ghac-cesssjoni sas-16 ta' Dicembru 2008.

Illi di piu Dr. Gauci fil-verbal quddiem l-Assistent Guddizzjarju Dr. Yvette Cassar tad-29 t'April 2009 vverbalizza li skond il-ftehim bejn il-partijiet, l-intimati ma kellhomx jressqu l-eccezzjonijiet sabiex isehh it-transazzjoni – vide fol. 36.

F'dan il-verbal l-Avukat difensur tas-socjeta' rikorrenti **ma rregistrat ebda opposizzjoni**.

Di piu' fil-15 t'April 2011 il-Qorti kif diversament preseduta nnotat li n-notifika wara l-hinijiet legali u n-notifika permezz tal-publikazzjoni u l-affissjoni kienet ghadha ma saritx- (a fol. 62), waqt li fis-6 ta' Dicembru 2011, il-Qorti kif diversament preseduta innotat li **t-terminu ghar-riposta guramentata kien "ghadu ghaddej"** – vide fol. 65.

Illi di piu', l-intimati wettqu l-kontro-ezamijiet tax-xhieda tas-socjeta' rikorrenti (vide fol. 77A) u gew ezebiti l-affidavits tal-intimati (vide 78 sa 85) **minghajr ebda oppozizzjoni registrata mis-socjeta' rikorrenti**.

In oltre xhedu Nazzareno Portelli u Sergio Darmanin fil-prezenza tal-avukat difensur tas-socjeta' attrici **minghajr ebda kontestazzjoni tal-istess** (vide verbal a fol. 88).

Fl-isfond ta' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqis illi l-intimati ma jistghux jigu konsiderati bhala kontumaci u jidher li l-eccezzjonijiet sollevati minn Spiteri Sacco ikopru l-istess kontestazzjoni tal-intimati l-ohra, kif imfissra fix-xhieda taghhom.

Ghar-rigward tal-intimat Peter Paul Darmanin, ghalkemm iddikjara fix-xhieda tieghu illi huwa ghandu l-professjoni ta' *chartered accountant*, ma ngabux provi konklussivi li juru li Peter Paul Darmanin, *accountant* bhal ma hu ibnu Sergio Darmanin, ma kellu x'jaqsam xejn fl-importazzjoni , bejgh jew tqeghid ghall-bejgh fuq is-suq ta' dawn il-lapidi.

Fil-meritu il-Qorti, wara li rat u ezaminat ix-xhieda kollha tal-kaz in ezami, b'mod specjali ghad-dokumentazzjoni tar-registrazzjoni tad-disinn, id-data ta' tali registrazzjoni, u wara

analizi tar-ritratti ezebiti f'dawn il-proceduri kif ukoll dawk ezebiti fil-proceduri tal-Mandat t'Inibizzjoni 890/2007 JRM fl-istess ismijiet, tgharaf illi ma hemm dubbju ta' xejn illi l-prodott importat minn Sergio Darmanin u Rennie Portelli huwa mid-daqqa t'ghajn identiku mal-prodott li d-disinn tieghu huwa protett skond il-ligi bir-registrazzjoni tal-patent. Il-varjazzjoni minima tal-hxuna tal-prodott u dettalji tal-base ma jbiddlux il-fatt li l-prodotti huma prattikament identici.

Il-Qorti rat u ezaminat Artikolu 27(1)(b)(c) tal-Kapitolu 417 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghti lis-sid registrat ta' privattiva il-jedd li jzomm lil terzi li, minghajr ir-rieda tal-istess sid, joffru ghal bejgh jew jqieghdu fuq is-suq prodott li jkun jinkorpora s-suggett tal-privattiva jew li jhajjru lil haddiehor jaghmel hekk.

Din il-Qorti wara li rat u ezaminat d-dokumentazzjoni prodotta mill-partijiet tqis illi ma hemm ebda dubbju illi l-intimati offrew ghal bejgh u qeghdu fuq is-suq prodotti li jinkorporaw is-suggett tal-privattiva. Dawn jidhru fir-ritratti Dok. JM1 a fol. 53 fuq oqbra ta' terzi persuni izda b'mod specjali, id-dokumenti K1 u K2 u K4 u K5 u K6 (ritratti) juru dan il-prodott fis-showroom ta' Godwin Spiteri Sacco - Marble & Granite Works. Illi di piu' ebda wiehed mill-intimati ghajr Peter Paul Darmanin ma cahad li fil-fatt kellhom tali prodotti ghal-bejgh; anzi wahda mid-difizi taghhom, kienet proprju illi d-disinn tal-prodott taghhom ma kienx identiku u ergo ma jivvjolax id-drittijiet tas-socjeta' rikorrenti.

Il-Qorti kkonsidrat ukoll l-fatt kardinali li l-importazzjoni tal-wiehed u ghoxrin lapida mill-intimati saret f'Marzu 2006 ( vide Dk ST9 sa Dok ST12 fol. 13 sa 16 ) **kwazi sena qabel id-dhul fis-sehh tar-resigistrazzjoni tad-disinn**. Anki l-lapida mibjugha lil Godwin Spiteri Sacco giet konsenjata fis-sena 2006 u mqieghda ghal bejgh qabel id-dhul fis-sehh tal-privattiva. Jirrizulta ukoll li nbieghu xi erbghatax minn dan il-prodott.

Din il-Qorti taghraf pero, illi minkejja d-dokumentazzjoni fuq imsemmija ,tindika illi l-intimati Portelli u Darmanin importaw lapidi meritu tar-rikors promotorju kwazi sena qabel id-dhul fis-sehh tar-registrazzjoni fid-disinn, jirrizulta pprovat illi dawn l-oggetti kienu ghadhom qed jidher ghal bejgh fid-dati sussegwenti ghad-data ta' registrazzjoni tad-disinn wara l-15 ta' Frar 2007. L-intimati fix-xhieda taghhom ma gabu ebda prova li uhud minn dawn il-lapidi nbieghu qabel id-data tar-registrazzjoni tad-disinn u ebda ricevuta ta' ebda

lapida ma tinstab fil-process biex b'xi mod ixejjen il-prezunzjoni li tohloq ir-registrazzjoni tal-privittiva favur is-socjeta' rikorrenti li f'isimha hi registrata tali disinn.

Il-Qorti taghraf li l-intimati waqfu milli jissuktaw bl-importazzjoni jew bejgh ta' dan il-prodott, u jidher ukoll li hemm qbil dwar il-quantum tad-danni u cioe' fl-ammont ta' Lm3,200 ekwivalenti ghal €7,453, rapprezentanti valur ta' ghoxrin lapida li kellhom fil-pussess taghhom Darmanin u Portelli. Dan l-ammont fil-fatt huwa ammont li gie konfermat kemm mill-atturi vide fol. 55 kif ukoll il-konvenuti – vide paragru 7 tar-risposta tal-intimati a fol. 4 tar-Rik. Inib. 890/07 u giet konfermata fix-xhieda ta' Rennie Portelli a fol. 82 li afferma li gabu biss wiehed u ghoxrin lapida, u minn Sergio Darmanin li kkonferma l-istess haga – vide fol. 84.

L-intimati finalment sollevaw l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ta' sentejn ai termini ta Artikolu 2153 tal-Kodici Civili li jistipola:

> ***"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."***

Illi din il-Qorti taghraf illi d-disinn gie registrat fil-15 ta' Frar 2007 kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni prezentata fil-process cioe' Dok. HA1 a fol 47 sa 51. Jirrizulta di piu' illi l-intimati importaw l-lapidi f'Marzu 2006 u li l-oggetti baqghu jintwera ghall-bejgh sad-data meta giet pprezentata l-Mandat t'Inibizzjoni fit-13 ta' Gunju 2007 waqt illi l-proceduri odjerni gew intavolati fl-10 t'Awwissu 2007.

Huwa evidenti illi l-preskrizzjoni ta' sentejn ma dekorriex entro dawn it-termini.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-intimati, tichad it-tielet eccezzjoni limitatament, tichad ir-raba u l-hames eccezzjoni tal-intimati; tilqa' t-talbiet attrici u tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' seba' t'elef erba' mija tlieta u hamsin Ewro (€7,453) u tordna lill-intimati ihallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma hekk likwidata ta' seba' t'elef erba' mija tlieta u hamsin Ewro (€7,453); bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------